

7. Is-seba' motiv: Il-Kummissjoni wettqet bosta żbalji sinjifikattivi ta' evalwazzjoni meta adottat ir-regolament ikkонтestat.
8. It-tmien motiv: Meta adottat ir-regolament ikkонтestat, il-Kummissjoni marret lil hinn mis-setgħat mogħtija lilha.
9. Id-disa' motiv: Fil-każ li l-Qorti Ġenerali tikkunsidra li l-Kummissjoni, meta adottat ir-regolament ikkонтestat, setgħat tiddefinixxi hija stess il-kundizzjonijiet għall-klassifikazzjoni jew is-suġġett tal-klassifikazzjoni jew ma kellhiex il-possibbiltà li twettaq evalwazzjoni tal-impatt jew applikazzjoni proporzjonata, l-Artikoli 37(5), 53(1) u 53a tar-Regolament Nru 1272/2008 jiksru l-Artikolu 290(1) u (2) TFUE. Fdan il-każ, ikun kuntrarju għall-Artikolu 290 TFUE li jintuża l-att bażiku (ir-Regolament Nru 1272/2008) għar-regolament ikkонтestat.

- (<sup>1</sup>) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/217 tal-4 ta' Ottubru 2019 li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittekktar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet u li jikkoreġi dak ir-Regolament (ĠU 2020, L 44, p. 1).
- (<sup>2</sup>) Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittekktar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU 2008, L 353, p. 1, rettifikasi fil-ĠU 2011, L 16, p. 1, fil-ĠU 2016, L 349, p. 1, u fil-ĠU 2019, L 117, p. 8), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (UE) 2019/1243 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2019, L 198, p. 241).

### Rikors ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2020 – Klaus Berthold vs EUIPO – Thomann (HB Harley Benton)

(Kawża T-284/20)

(2020/C 222/39)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrenti: Klaus Berthold Besitzgesellschaft GmbH & Co. KG (Thalhausen, il-Ġermanja) (rappreżentant: E. Strauß, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Thomann GmbH (Burgebrach, il-Ġermanja)

#### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietary information of the Office for Harmonization in the Internal Market (OHIM) - European Union Intellectual Property Office (EUIPO)

*Trade mark kontenzuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark figurattiva HB Harley Benton li tindika l-Unjoni Ewropea – Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea Nru 1 380 752

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-11 ta' Marzu 2020 fil-Każ R 1359/2019-4

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tilqa' l-oppożizzjoni kontra r-reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 380 752 fl-Unjoni Ewropea għall-prodotti fil-klassi 25;
- tordna lill-EUIPO jirrifjuta r-reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 380 752 fl-Unjoni Ewropea għall-prodotti fil-klassi 25;

- tikkundanna lill-parti l-oħra għall-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem l-EUIPO u, skont il-każ, tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż ta' din il-proċedura ġudizzjarja.

#### **Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
  - Ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- 

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Mejju 2020 – MCM Products vs EUIPO – The Nomad Company (NOMAD)**

(Kawża T-285/20)

(2020/C 222/40)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

#### **Partijiet**

Rikorrenti: MCM Products AG (Zürich, l-Iszvizzera) (rappreżentant: S. Eichhammer, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: The Nomad Company BV (Zevenaar, il-Pajjiżi l-Baxxi)

#### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Proprietarju tat-trade mark kontenjuža: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenjuža kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni "NOMAD" – Trade mark tal-Unjoni Nru 1 742 089

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Marzu 2020 fil-Każ R 854/2019-4

#### **Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tikkonċerna l-prodotti rreġistrati fil-klassi 18;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

#### **Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
  - Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
-